FONTANA

Minuti tal-kontinwazzjoni tas-sitt laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 16 t`Awwissu 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba.

<u>Riżoluzzjoni Speċjali</u>
Il-Kunsillier Anthony Cassar astjena milli jieħu sehem f`din ir-riżoluzzjoni speċjali peress li ddikjara li għandu nteress. Għaldaqstant il-Kunsillier Lorry Apap talab lill-Viċi-Sindku jekk hux lest li jissekonda din ir-riżoluzzjoni. Il-Viċi-Sindku aċċetta u ssekonda din ir-riżoluzzjoni. Il-Kunsilliera Maria Schembri ddikjarat lill-Kunsill illi hija m`għandhiex konflitt t`interess f`din ir-riżoluzzjoni.

Is-Sindku ressaq emenda għal din ir-riżoluzzjoni. Il-Kunsilliera Maria Schembri ssekondat din l-emenda. Is-Sindku qal illi din l-emenda trid tidħol wara l-ewwel paragrafu tar-riżoluzzjoni u jitħassar il-kliem l-ieħor kollu. Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li saret mal-Kummissarju ta` l-Artijiet kien hemm żviluppi ġodda li terzi persuni m`għandhomx dritt fuq il-fond 190 u 191 peress li l-kirjiet ġew terminati u għalhekk ma jistgħu jingħataw xejn. Is-Sur Mamo ħeġġeġ lill-Kunsill biex japplika għal permess tal-M.E.P.A. u wara tkun tista` ssir id-devoluzzjoni. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa ħa pjaċir b`din l-emenda pero` sostna li fejn il-Kummissarju ta` l-Artijiet il-Kunsill messu mar bil-pjanti u l-permessi lesti. Il-Kunsillier Apap għamel referenza għall-minuti tal-laqgħa li saret mas-Sur Albert Mamo fejn ikkwota dan "Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa lis-Sur Mamo jekk il-Kunsill jissottometti pjanta tal-proġett hux lest li jgħinu. Is-Sur Mamo aċċetta u qallu dawn il-kelmiet "*Go Ahead – Do it*"*.*

Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa jaqbel ma` l-emenda pero` jixtieq illi titħalla għad-diskussjoni u l-votazzjoni ssir f`laqgħa oħra. Is-Sindku aċċetta. Il-Kunsillier Lorry Apap offra li jipprepara l-pjanti neċessarji għal dan il-proġett. Il-Kunsill aċċetta.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

Il-laqgħa ntemmet fil-5.00 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 29 t` Awwissu 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |